**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tal-21 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 820/2015

Numru fuq il-Lista: 13

**Darmanin Footwear Limited** (C6082)

**vs.**

**Sandro Agius**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-7 t' Ottubru 2015, illi permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' seba' mija u tmienja u erbgħin ewro (€748.00), rappreżentanti prezz ta' merkanizija mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut li ma ġietx imħallsa.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' seba' mija u tmienja u erbgħin ewro (€748.00), bl-imgħax legali dekorribbli mis-7 ta' Ottubru 2015 li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

Av. Nadia H.Vella
Ġudikatur